Ir-Raba' Sena - **Kitba K3**

Kont rieqda u xħin qomt sibt ruħi fis-Sebgħinijiet

Kont rieqda u f'daqqa waħda qomt f'kamra tas-sodda Maltija mixgħula mix-xemx. Il- ħitan tagħha kienu miżbugħin fl-isfar bħal dawk tas-snin sebgħin u kienu mżejna b'pitturi tal-qaddisin impittrin minn Dun Benit. Ersaqt lejn it-tieqa biex nittawwal minnha. Rajt karozzi klassiċi niżlin f'toroq dojoq u raġel jgħajjat għall-bejgħ tal-ħobż frisk minn forn fil-qrib. Rajt ukoll tfal ċkejknin mixjin lejn l-iskola bl-uniformi pulita u bil-basket tal-ġilda. Inżilt mill-kamra u mxejt lejn il-bieb ta' barra. Imxejt fit-trejqa lejn kafetterija fil-viċin minn fejn smajt diski tal-vinil idoqqu melodiji ħelwin, waqt li n-nies tal-lokal jixorbu l-kafè u jiddiskutu l-aħħar aħbarijiet. Fl-aħħar tat-trejqa serqitli għajnejja xena spettakolari tal-port mixgħul taħt ix-xemx bid-dgħajjes tradizzjonali jduru fuq l-ilma. Hekk kif għalaqt għajnejja biex nammira l-port inħoss dehxa bard ma' ġismi u qomt minn raqda ħelwa bi tbissima fuq wiċċi.

*Sarah Catherine Vella*

